MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 227/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent u l-intimata sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, datat 12 ta' Lulju 2005 (Dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A'), liema kuntratt ir-rikorrent jixtieq li jigi emendat.

Illi r-rikorrent irrikorra ghall-medjazzjoni, ai termini tal-Avviz Legali 397/2003. Il-medjazzjoni inghalqet peress illi

l-ebda ftehim ma ntlahaq u r-rikorrent inghatat l-awtorizazzjoni biex tipprocedi permezz tad-Digriet numru ___ moghti minn din l-Onorabbli Qorti, hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni, il-konjugi B qablu illi r-rikorrent kellu jaghti manteniment ta’ tletin Lira Maltin (Lm30), cioe’ disgha u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) fil-gimgha, lill-intimata u dan sa kemm hija tibqa’ tahdem fuq bazi part-time.

Illi meta sar il-kuntratt ta’ separazzjoni, huwa kien impjegat u kellu introjtu ta’ elf, mitejn u hdax-il Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1211.27) ekwivalenti ghal hames mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm520) fix-xahar.

Illi r-rikorrent jispjega umilment illi minn dak iz-zmien huwa hareg bil-pensjoni u ghalhekk, l-introjtu tieghu naqas sostanzjalment ghal seba’ mija hamsa u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€745.40), ekwivalenti ghal tlett mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm320) fix-xahar, u ghalhekk, peress illi dan huwa l-uniku introjtu tieghu, ma jistax ikompli jlahhaq mal-manteniment kif stipulat fl-anness kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi, barra minn hekk, ir-rikorrent sofra attakk tal-puplesija u ghalhekk qed ikollu jiehu hafna medicini illi jiswew madwar mitt Ewro (€100) fix-xahar, u dan il-fatt qed jaghmilha impossibli ghalih illi jkompli jhallas il-manteniment kif pattwit bejn il-partijiet.

Illi ghal din ir-raguni huwa jixtieq illi jigi emendat l-anness kuntratt ta’ separazzjoni, b’dan illi l-manteniment dovut lil martu jitnaqqas proporzjonalment ghat-tnaqqis fl-introjtu tieghu, cioe’ ghal tlieta u erbghin Ewro (€43.00), ekwivalenti ghal tmintax-il Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm18.46) fil-gimgha.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi r-rikorrent jinsab f’impossibilita’ illi jhallas l-manteniment ta’ tletin Lira Maltin (Lm30), cioe’ disgha u

sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) fil-gimgha, kif pattwit bejn il-partijiet, fil-kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, datat 12 ta' Lulju 2005.

Tordna u tawtorizza illi ssir emenda fil-kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, datat 12 ta' Lulju 2005, b'dan illi l-manteniment dovut lil martu jitnaqqas proporzjonalment ghat-tnaqqis fl-introjtu tieghu, cioe' ghal tlieta u erbghin Ewro (€43.00), ekwivalenti ghal tmintax-il Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm18.46) fil-gimgha, u dana b'effett mid-data li fiha r-rikorrent hareg bil-pensjoni cioe' minn Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005).

Bl-ispejjez kontra l-initmata minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B, li in forza taghha eccepiet:

Illi preliminarjament huwa risaput illi *pacta sunt servanda* b'mod illi ma huwiex apert lir-rikorrent li jipprova jirrivedi stipulazzjonijiet kontrattwali minnu assunti u liberament accettati hlief f'kaz illi tali varjazzjoni huwa kontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat bejn il-kontendenti ma jikkontemplax id-dritt ta' revizjoni tal-manteniment;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti kif allegata minnu, hija kontestata mill-eccipjenti ghar-ragunijiet li ghandhom jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza odjerna;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-varjazzjoni tal-manteniment tista' tigi fis-sehh biss minn dakinhar tas-sentenza u ma tistax tkun retroattiva kif talab l-istess rikorrent u dan ghaliex l-istess talba hija legalment insostenibbli.

Illi ghalhekk, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tawtorizzah inaqqas l-ammont ta' manteniment li jghaddi lil martu, in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat tlett snin qabel inbdiet il-kawza.

F'dan il-kuntest, il-gurisprudenza ttendi ghall-principji espressi fil-kawza "**Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe**" – Appell Superjuri 2479/96, deciza fis-16 ta' April 2004):

*"Illi l-pozizzjoni legali kif abbraccjata mill-gurisprudenza interpretattiva hija li*

*Fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu ukoll jghodd firmament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw pozizzjoni rigida, anzi wahda riflessibbli, meta rinfaccati b'talbiet ghar-revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu supreme u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur, li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghall-varjazzjoni. F'kaz ta' manteniment pattwit wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.*"

Dan stabbilit, ghalhekk, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti huwa dirett ghall-ezami tal-fattispecie dan il-kaz u dan abbazi tal-principju illi “*nemo ad impossibilia tenetur*”.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi r-rikorrenti jippercepixxi pensjoni ta’ €79 fil-gimgha bhala pensjoni tas-Servizzi Socjali flimkien ma’ €774 fix-xahar mit-Tezor. Hames snin ilu kien ippercepixxa “gratuity” ta’ €38,720. Jghix f’dar kbira bi gnien kbir, li, skond hu, jirrikjedi hafna spejjez ta’ manutenzjoni. Huwa ghandu ukoll diversi karozzi u attivita’ tal-karaoke li l-Qorti tifhem illi, jekk ka jithallasx ghaliha, qed tiswielu l-ispejjez tat-tragitt.

Huwa jbati minn problemi medici li jirrikjedu medicini ghall-kontra l-kolesterol u l-pressjoni gholja. Dawn tal-ahhar jircevihom bla hlas, filwaqt li jsostni li l-medicina kontra l-kolesterol ikollu jhallasha hu bi spiza ta’ €36 kull xahar. Jirrizulta ukoll li l-kuntratt ta’ separazzjoni gie ffirmat xi zmien wara li sofra l-puplesija r-rikorrenti u ftit qabel ma waqaf mix-xoghol u beda jippercepixxi pensjoni. Minn dan, il-Qorti tasal ghall-fehma illi s-sitwazzjoni li qieghed fiha llum ir-rikorrenti ma kinitx imprevista stante li kien ga marid u d-data tal-irtirar kulhadd jaf meta ser tasal. Lanqas ma hija s-sitwazzjoni tieghu ta’ prekarjeta’ finanzjarja tali li tirrendih inkapaci li jghaddi l-manteniment kollu lil martu. Id-dar kbira, il-gnien kbir u l-karozzi zgur m’ghandhomx jiehdu priorita’ fuq l-obbligu tieghu lejn martu.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------